Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,088, 19 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 179 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 186 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul fil-Kors**

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, jew ikollhom kwalifiki komparabbli kif imniżżla hawn taħt u jkollhom ir-rekwiżiti speċjali għad-dħul fil-Kors skont il-qasam ta' studju magħżul, kif ġej:"

4. Minflok il-paragrafi (b), (d), (f) u (j) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) **Applied Food and Nutritional Sciences:** għaddew fil-Livell Avvanzat bi Grad C jew aħjar fil-Bijoloġija, għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Kimika, u għaddew fil-Livell Intermedju fil-Matematika jew fil-Fiżika;"

"(d) **Mental Health Nursing:** l-applikanti li għandhom l-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) jew l-MCAST Advanced Diploma in Health Sciences, flimkien mal-MCAST Level 5 Award in Health Sciences għandhom ikunu kkunsidrati li ssodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali tad-dħul;"

"(f) **Nursing**: (i) L-ebda rekwiżiti speċjali għall-kors. L-applikanti li m'għandhomx ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul għandhom xorta waħda jkunu eliġibbli li jidħlu fil-Kors ġaladarba jkunu għaddew mill-MCAST-BTEC Extended Diploma in Health and Social Care (Health Studies) jew l-MCAST Advanced Diploma in Health Sciences, flimkien mal-MCAST Level 5 Award in Health Sciences.

(ii) L-applikanti li ma jkollhom l-ebda mill-kwalifiki indikati fis-sottoparagrafu (i) ta' dan il-paragrafu jistgħu jiddaħħlu fil-Kors ġaladarba jgħaddu mis-60 krettu ECTS tal-Kors Preparatorju speċifikament relatati man-Nursing kif dettaljat f'Appendiċi I ta' dawn l-ordinamenti. L-applikanti huma meħtieġa jtemmu l-programm tal-Kors Preparatorju minnufih qabel ma jibda l-Kors. Ir-rekwiżiti għad-dħul u għat-tmiem b'suċċess tal-Kors Preparatorju huma mniżżla f'Appendiċi I ta' dawn l-ordinamenti;"

"(j) **Radiography:** għaddew fil-Livell Avvanzat fil-Bijoloġija jew fil-Fiżika jew fil-Kimika. L-applikanti għandu jkollhom mhux anqas minn 18-il sena sa tliet xhur mid-data ta' meta jibda l-Kors."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"6. (1) Il-Kors għall-oqsma li ġejjin għandu jinfirex fuq medda ta' erba' snin ta' studju fuq bażi full-time, jew l-ekwivalenti tagħhom għal studju fuq bażi part-time: l-Applied Biomedical Science, l-Applied Food and Nutritional Sciences, il-Communication Therapy, il-Midwifery, l-Occupational Therapy, il-Physiotherapy, il-Podiatry, u r-Radiography.

(2) Il-Kors għall-oqsma tal-Mental Health Nursing u tan-Nursing għandu jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studju fuq bażi full-time, jew l-ekwivalenti tagħhom għal studju fuq bażi part-time."

L-Emenda għall-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 16 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"16. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull studenti tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors li jingħataw il-piż skont il-kriterji li ġejjin:

Għall-korsijiet ta' tliet snin:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	30%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	30%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.

Għall-korsijiet ta' erba' snin:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	15%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	25%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	35%,

diment li għall-oqsma ta' studju li ġejjin, ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors għandhom jingħataw il-piż hekk kif ġej:

Applied Biomedical Science and Occupational Therapy:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	30%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	35%.

Applied Food and Nutritional Sciences:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	15%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	30%
Il-Marka Medja tar-Raba' Sena	35%

Radiography:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	15%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	30%

Il-Marka Medja tar-Raba’ Sena 30%.”

L-Emenda għall-Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (b) tal-artiklu 1 ta’ Appendiċi I tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“(b) għaddew mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi grad 5 jew aħjar f’sitt suġġetti, li jinkludu: il-Malti, il-Lingwa Ingliża, il-Matematika u jew il-Bijoloġija jew is-Saħħa u l-Ħarsien Soċjali, u jkunu għaddew mil-Livell Avvanzat fi kwalunkwe suġġett ieħor; jew”